MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 38/2008/1

**Carmelo Formosa (ID 647951M) Pauline Formosa (ID 151353M)**

**vs**

**Lawrence Mangion (ID 267066M)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fid-09 ta’ Jannar 2012 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzjat s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***“Il-Bord,***

*Ra r-rikors promutur li jghid hekk:*

*Illi huma jikru lill-intimat il-fond 75, Triq il-Ponta, Isla għall-skopijiet residenzjali versu l-kera ta' Lm14 fis-sena u l-iskadenza li tmiss tagħlaq fl-1 ta' Ottubru, 2008.*

*Illi l-intimat ilu ma jħallas il-kera mill-1 t'Ottubru, 1996 'il quddiem u minkejja gie interpellat ripetutament, huwa baqa' inadempjenti.*

*Illi inoltre, il-post jinstab fi stat ta' manutenzjoni hazina u jinsab dilapidat u malandat senjatament minhabba nuqqas ta' manutenzjoni.*

*Illi għalhekk l-intimat kiser il-kundizzjonijiet tal-kirja.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord jogħgbu jawtorizzhom ma jgeddux il-kera wara l-iskadenza li jmiss, li jirriprendu l-fond 75, Triq il-Ponta, Isla u konsegwentement tordna l-izgumbrament ta' l-intimat mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju li jigu lilu prefiss.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat.*

*Ra r-risposta tal-intimati li tgħid:*

*1. Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti għandhom jippruvaw it-titolu tagħhom fuq il-fond de quo u fin-nuqqas li ssir il-prova tat-titolu, ir-rikors għandu jigi michud.*

*2. Illi subordinatament u mingħajr pregudizzju għall-premess, illi l-inkwilin giex interpellat jersaq għall-ħlas tal-kera kif trid il-ligi u għalhekk ir-rikors għandu jigi michud;*

*3. Illi fit-tielet lok ma huwiex minnu li l-fond jinsab fi stat hazin ta' manutenzjoni u l-esponenti ma kiser bl-ebda mod il-kondizzjonijiet tal-kirja u għalhekk ir-rikors għandu jigi michud;*

*Semgħa l-provi;*

*Ra l-atti kollha tar-rikors;*

*Ikkonsidra:*

*Illi sabiex jilqa' ghall-objezzjoni sollevata mill-intimat, ir-rikorrenti esebixxa kopja ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef bid-data tal-10 ta' Settembru 1996 fejn jemergi illi r-rikorrenti odjerni kienu akkwistaw b'titolu ta' xiri l-korp ta' bini konsistenti fi tliet appartamenti, terran u hanut sottostanti l-istess appartamenti u fosthom it-terran numru 75, Point Street, Senglea li huwa mikri. Minn ezami tal-atti ma tirrizulta ebda kontestazzjoni dwar dan il-fatt u ghalhekk il-Bord iqis illi l-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija sorvolata kwantu r-rikorrenti jirrizultaw li huma s-sidien tal-fond lokat lill-intimati u mertu ta' din il-kawza;*

*Ir-rikorrent Carmel Formosa xehed illi meta xtara l-fond mertu tal-kawza, wahda mis-sidien precedenti, Maria Victoria Catania, infurmatu bl-inkwilinat favur Victor Mangion u minkejja li kien baghat nota lill-inkwilin sabiex ihallsu tal-kera dan baqa' inadempjenti. Fl-1998 kien kiteb lill-inkwilin biex jinfurmah illi kien jehtieg jinstalla earth electrode ghall-fond sovrastanti u dan sabiex ma ssir l-ebda hsara f'kaz li t-thaffir jinfed fil-basement tal-inkwilin izda dan baqa' ma kelmux. Wara diversi ittri mill-avukat tar-rikorrenti, l-intimat kellu inkontru ma' l-istess avukat u nfumah illi missieru, Victor Mangion kien miet izda kien ser ihallas l-arretrati kollha u minkejja din il-weghda, baqa' inadempjenti. F'inkontru sussegwenti, l-intimat kien ikkonferma li kien ircieva l-intimazzjonijiet u l-avviz dwar l-electrodes u r-rikorrenti accetta li l-kera jdur fuq l-intimat izda xorta wahda baqa' ma hallas l-ebda arretrati. Kwantu l-allegati nuqqas ta' manteniment, dan hu li kellu xi jghid ir rikorrenti a fol 19: …ghar-rigward tal-istat tal-post nghid li jiena mort fil-post darbtejn, darba minnhom mal-Perit tieghi u l-post kien jidher li qatt ma tbajjad, il-bibien biz-zebgha maqsuma u l-post kien jidher li ma kienx qed jigi wzat tant illi Lawrence Mangion kien qed jahsel il-post dak il-hin li wasalna biex jipprova juri li l-post kien mizmum pero' fil-fatt ma kienx. Fil-bitha l-inspection chamber kien miftuh u l-Perit gibidlu l-attenzjoni biex jghattih. Ir-rikorrenti ikkorobora x-xhieda tieghu dwar l-ittri u inkontri sia billi esebixxa kopja tal-ittri u l-avvizi registrati tal-posta kif ukoll bix-xhieda ta-avukat difensur tieghu;*

*L-intimat jghid illi ilu jghix ma' missieru fil-fond mertu tal-kawza sa mill-1972 jigifieri minn meta kellu sitt snin. Missieru dejjem hallas il-kera li kienet tingabar mis-sidien precedenti izda wara li miet missieru fl-1999 hadd aktar ma gie jigbor il-kera u ma kienx jaf lil min kellu jhallas. L-uniku hjiel li kellu kien li r-ricevuti kienu iffirmati M.V.Catania. Wara l-2005, kien avvicinah persuna li infurmatu li kien sid il-kera u dan kien akkumpanjat minn perit biex jezamina l-kundizzjoni tal-post izda dakinhar ma kienx sar diskors dwar kera u ma kellu l-ebda mezz biex jivverifika jekk verament kienux inbidlu s-sidien. In rigward ta' arretrati, l-intimat jghid li qatt ma kien interpellat ihallas izda gieli ircieva ittri minghand l-avukat tar-rikorrent fejn stiednu jiltaqa' mieghu u meta ghamel hekk kien infurmat li s-sid ma jrid xejn hlief li hu jhalli l-fond u hemm xorta wahda ma kienx mgharraf min huma s-sidien l-godda. L-intimat cahad illi l-fond jinsab fi stat hazin ta' manutenzjoni. In kontro-ezami jikkonferma illi meta kien ghadu haj missieru qatt ma ircieva ittri ufficjali izda wara l-mewt tieghu kienu jigu ittri anke indirizzati lil missieru. Meta ltaqa' mad-difensur tar-rikorrenti u offra li jhallas l-arretrati ta' sitt snin, minkejja li kellu bzonn jumejn jakkwista l-istess flus, it-twegiba kienet li s-sidien riedu l-fond lura u mhux il-kera. Minkejja dan ir-rifjut, l-kera ma kienitx depozitata l-Qorti u wara interpellanzi sussegwenti u weghdiet li kien ser ihallas, xorta ma hallasx u ma ddepozitax il-kera; Minn dawn il-punti saljenti fil-provi jemergi illi l-intimat qieghed jivvanta gustifikazzjoni ghal morozita' tieghu u tal-inkwilin precedenti, cioe' missieru u dan ser ikun investit minn dan il-Bord. Jirrizulta b'mod inkonfutabbli, izda, illi r-rikorrenti ma ressaq l-ebda prova dwar l-allegat nuqqas ta' manutenzjoni li skond hu waslet biex l-post jinsab fi stat ta' manutenzjoni hazina u jinsab dilapidat u malandat. L-intimat jinnega dan u jghid illi dejjem ghamel manutenzjoni lill-fond. Huwa principju assodat fil-gurisprudenza illi ei incumbit qui dicit non ei qui negat u in linea ma din il-massima kien jinkombi lir-rikorrenti li jiskonta din il-prova. Il-Bord, izda, ma jarax kif ghandu jinvesti ulterjorment fuq din il-premessa li bdiet u waqfet proprju bid-dikjarrazzjoni singola tar-rikorrenti*

*minghajr ma ressaq provi dwarha u minkejja li qal li kien acceda fl-fond flimkien mal-perit tieghu.*

*Kwantu din it-talba hija bazata ukoll fuq morozita' fil-hlas tal-kera, l-Bord huwa gwidat mill-insenjament emergenti mill-gurisprudenza u fosthom il-kawza fl-ismijiet* ***Joseph u Carmen ahwa Darmanin vs Giljan Cutajar App 23.11.2005*** *u indubjament ikun opportun li tkun citata parti sostanzjali minn dik is-sentenza anke ghaliex din tolqot diversi aspetti tal-kawza in dizamina. L-Onorabbli Qorti tal-Appell irriteniet illi:*

*Hi disposizzjoni cara tal-ligi illi kerrej jiddekadi mid-dritt tieghu tal-godiment tal-fond lokat jekk "fil-kors tal-kiri ta' qabel ma jkunx hallas puntwalment il-kera li kellu jaghti". Dan fir-rigward ta' "kull wahda minn zewg skadenzi jew izjed" u dan zmien hmistax-il jum minn dakinhar tat-talba tas-sid domandanti l-hlas. [Artikolu 9 (a) (i), Kapitolu 69]. Teknikament ghalhekk biex tissussisti l-morozita` jehtieg li jkunu saru zewg interpellazzjonijiet ghal hlas ghal zewg skadenzi diversi (****Kollez. Vol. XLVIII P I p 87****) u jkun hemm ukoll nuqqas ta' hlas fit-termini preskritti dekorribbli mill-interpellazzjoni (****Kollez. Vol. XLVII P I p 287****); Jispetta lis-sid li jipprova bla ebda dubbju ragonevoli li jkun ghamel zewg interpellazzjonijiet ghal skadenzi diversi, li dawn ikunu gew notifikati lil kerrej tieghu, u li dan baqa' inadempjenti. Fil-kaz in ezami ma jistax ikun disputat illi l-akkampata morozita` giet sufficjentement pruvata fis-sens u ghall-finijiet u effetti tal-ligi specjali. L-interpellazzjonijiet kienu certament jissodisfaw il-vot tal-ligi u gie pruvat ukoll illi l-intimat appellant baqa' ma hallasx, ghall-anqas puntwalment. Jirrizultaw allura l-elementi necessarji biex teknikament jigi deciz li l-morozita giet pruvata;*

*Opportunement, pero`, tajjeb li jigi registrat illi l-ligi, u izjed u izjed, il-gurisprudenza ma jidherx li jikkontentaw ruhhom bis-semplici konstatazzjoni teknika f'materja ta' morozita`. Effettivament, fil-prattika, huwa konkordament ricevut illi l-morozita` ma kellhiex titkejjel semplicement fuq il-metru tal-kelma tal-ligi in kwantu dan jitqies ferm il-boghod mill-ispirtu tal-ligi appozitament promulgata biex tipprotegi lill-*

*kerrej. Biex tabilhaqq ikun jidher li qed issir verament gustizzja kien jokkorri li l-materja tigi ezaminata fir-realta tac-cirkustanzi kollha attendibbli. Dan bl-iskop li jigi accertat "jekk kienx hemm xi gustifikazzjoni oggettivament ragonevoli u legalment sostenuta biex jiggustifika l-morozita`." Ara f'dan is-sens id-decizjonijiet fl-ismijiet "**Maria Concetta Vella vs Federico Galea nomine**", Appell, 24 ta' Jannar 1997 u "**Doris Attard vs Julian Borg**", Appell, 28 ta' Gunju 2001. Indubitament, anke ghaliex dan hu hekk pacifiku, "meta jkun hemm cirkustanzi li jiggustifikaw l-atteggjament ta' l-inkwilin fin-nuqqas tieghu li josserva l-obbligi, huwa ma jiddekadix mid-dritt tieghu biex tigi lilu mgedda l-lokazzjoni." Ara **Kollez. Vol. XL P I p 269** u **Vol. XXXIII P I p 385**, fost bosta ohrajn;*

*Dan premess, fil-kaz prezenti l-appellant iressaq b'gustifikazzjoni ghal fatt li ma sarx minnu l-hlas tal-kera dovut illi r-rikorrenti sidien ikkrejaw problemi u ostakoli bhala pretest biex igibuh in mora. Huwa jiddeskrivi dan l-atteggjament ta' sid il-fond bhala maniggar malizzjuz. Kelma din li timporta mala fede u din tekwivali dolo (**Kollez. Vol. XV P I p 261** u **Vol. XXIX P II p 442**);*

*Jikkonsegwi illi jkunu ezaminati l-fatti mill-ottika ta' dan l-insenjament u in primis ghalhekk jehtieg li jkun determinat jekk l-intimat kienx debitament interpellat skond il-ligi ghall-hlas tal-kera u jekk baqax moruz minkejja dik it-talba. Opportunement jinghad ukoll illi missier l-intimat, Victor Mangion, allura l-inkwilin precedenti, miet fl-1999. Jirrizulta illi kienu saru diversi interpellanzi lil Victor Mangion izda l- kawza odjerna kienet istitwita kontra l-inkwilin l-gdid. Fil kaz meta kawza tkun proposta kontra inkwilin u l-istess inkwilin imut fil-mori, l-inkwilin l-gdid li jissubentra fil-kawza jassumi d-difiza tal-istess kawza bil-konsegwenzi kollha li tista' ggib maghha senjatament l-izgumbrament mill-fond lokat. Fil-kaz in ezami, l-kawza saret kontra l-inkwilin l-gdid u ghalhekk mhux biss ghall allegat nuqqas tieghu li jhallas l-kera minn meta l-inkwilinat gie fuq ismu izda ukoll ghan-nuqqas ta' missieru li jhallas il-kera mill-1996 'l quddiem. Issa, r-rikorrenti baqa' jikteb lill-missier l-intimat wara l-1999 ghaliex ma*

*kienx jaf illi l-inkwilin kien miet u hawn jirrientra l-obbligu l-gdid tal-intimat odjern li assuma l-obbligi kollha bhala inkwilin kwantu wild tad-decujus li kien jirrisjedi fil-fond ma' missieru. Fis-sentenza* ***Albert W. Salomone et vs Mathew Degiorgio App tal-10 ta' Jannar 2007****, intqal hekk: Jidher mid-definizzjoni tal-kelma "kerrej" illi l-ligi tirrikjedi zewg rekwiziti konkorrenti biex persuna li tkun qed tokkupa l-fond tigi akkordata b'success il-protezzjoni taht il-Kapitolu 69. Jigifieri (i) li tkun membru tal-familja ta' l-inkwilin u (ii) li tkun tirrisjedi mal-kerrej fil-mument tal-mewt*
*tieghu; Fil-kaz in dizamina ma hemm l-ebda kuntrast dwar dawn iz-zewg rekwiziti u ghalhekk l-intimat huwa l-"Inkwilin" tal-fond kif definit fil-Kapitolu 69 bil-konsegwenzi li l-allegata morozita anke ta' missieru hija haga li issa irid iwiegeb ghaliha l-intimat qua kerrej.*

<u>*L-ittri interpellatorji:*</u>

*Fit-3 ta' Novembru 2003, Victor Mangion kien interpellat permezz ta' ittra registrata sabiex ihallas il-kera mill-1996 sa dakinhar. L-ittra kienet ricevuta (fol 23 sa 25). Fil-25 ta' Mejju 2005 Victor Mangion kien interpellat ihallas l-kera ghall-perjodi bejn l-1 ta' Jannar 1996 u t-30 ta' Gunju 2005. Din l-ittra kienet registrata u ricevuta (fol 21 u 22). Ittra registrata ohra tal-1 ta' Lulju 2005 kienet mibghuta lil Victor Mangion u din kienet notifikata (fol 36). Permezz ta' ittra tat-22 ta' Marzu 2006 lill-intimat kien offert ftehim gdid ta' lokazzjoni u li jkun regolarizzat dak dovut (fol 32). B'ittra ohra tas-6 t'April 2006 lill-intimat u minnu ricevuta, kien interpellat ihallas l-istess arretrati peress li baqa' inadempjenti minkejja l-weghda verbali tieghu li jhallas.(fol 33). Fil-21 ta' Novembru 2006, l-intimat Lawrence Mangion kien interpellat permezz ta' ittra ufficjali fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex ihallas l-arretrati kollha mill-1 t'Ottubru 2006 sat-30 ta' Settembru 2007 (fol 39) Din l-ittra kellha tkun notifikata bil-procedura tal-pubblikazzjoni stante li diversi tentattivi ghan-notifika anke wara l-hin legali taw rizultat negattiv (fol 40 sa 47 u riprodotti mill-intimat fol 70 sa 77);*

*L-obbjezzjoni tal-intimat registrata fir-risposta tieghu ghat-talbiet tar-rikorrenti tghid illi l-inkwilin [recte. ma] giex interpellat jersaq ghall-hlas tal-kera kif trid il-ligi u ghalhekk ir-rikors ghandu jigi michud. Issa, kif fuq senjalat, skont l-artikolu 9 (a) tal-Kap 69, l-intimat kellu jkun interpellat ghall-"kull wahda minn zewg skadenzi" u jitqies moruz jekk ma jkunx hallas fi zmien hmistax-il jum minn dik l-interpellanza. L-intimat jikkonferma illi kien interpellat sabiex ihallas il-kera. In kontro-ezami l-intimat jixhed hekk: "kont offrejt [lill-avukat tas-sid] li nhallas il-kera u hu kien wegibni li s-sidien mhux il-kera riedu izda l-fond lura. Nikkonferma li sa dakinhar kien hemm sitt snin arretrati ta' kera. Nikkonferma illi dakinhar jiena ma kellix flus bizzejjed fuq u kont tlabt jumejn biex nakkwista dawn il-flus.. wara dan l-inkontru jiena ma ddepozitajtx il-flus il-Qorti u ma hallas lil hadd. Nikkonferma wkoll li rcivejt ittri sussegwenti minghand l-avukat kif ukoll mill-Qorti, ukoll weghedt li sa nhallas izda ma hallastx. Illum il-gurnata la hallast din il-kera u lanqas iddepozitajtha l-Qorti. Minn dan huwa biss koncepit illi l-intimat ma ghandu l-ebda raguni plawsibbli ghaliex ma hallasx il-kera dovuta hlief li ma ghandux mezzi sabiex jaghmel dan. Meta offra li jhallas l-arretrati kien hemm skadenzi ta' sitt snin dovuti u meta kien intavolat ir-rikors odjern kien hemm gia tnax-il sena kera dovuta u xorta baqa' ma hallas l-ebda wahda minnhom. Meta din il-kawza thalliet ghas-sentenza, l-Bord issospenda l-prolazzjoni taghha fuq talba tal-intimat li jressaq provi izda minkejja dan xorta baqa' ma ressaq l-ebda prova u ghalhekk il-Bord ikollu jikkonkludi li l-intimat ma ghandu l-ebda raguni xi jressaq ghal konsiderazzjoni tal-Bord biex jezentah mis-sanzjoni marbuta mat-talba tar-rikorrenti; Jikkonsegwi ghalhekk illi wara li kienet pruvata l-akkampata morozita' ma tirrizulta ebda haga li tista' b'xi mod tiggustifika lill-intimat fl-inazzjoni tieghu. Il-Bord ma jistax jifhem kif inkwilin li qed igawdi minn residenza bil-kera ta' €32.60 fis-sena ma jhallasx l-istess u bil-potenzjali pregudizzjali ta' telf ta' residenza fissa, haga din, li b'sobgha ser tavvera ruhha.*

*Ghalhekk, filwaqt illi l-Bord jichad it-talba tar-rikorrenti bazata fuq in-nuqqas ta' manutenzjoni tal-fond, jilqa' l-istess kwantu bazata fuq l-morozita' fil-hlas tal-kera u*

*jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendi l-fond deskritt fir-rikors promutur wara sittin (60) jum millum.*

*L-ispejjez tal-kawza jithallas kwantu nofs mir-rikorrenti u nofs mill-intimat”.*

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Lawrence Mangion (ID 267066M) datat 30 ta’ Jannar 2012 a fol 1 tal-process fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa’ l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta’ konvenuta.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-8 ta’ Mejju 2012.

Rat ir-risposta tal-appell ta’ Carmelo Formosa et datata 3 ta’ April 2012 a fol 19 tal-process fejn sostnew ghar-ragunijiet hemm indikati li d-decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-08 ta’ Mejju 2012 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Daniela Cassar ghall-appellanti. Deher l-appellat Carmel Formosa assistit minn Dr. Peter Borg Costanzi u Dr. John Bonello ghall-appellanti wkoll.  Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghat-2 ta’ Ottubru 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet premessi datata 09 ta’ Jannar 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi l-aggravju fl-appell odjern huwa li l-appellant ma kienx notifikat ghall zewgt skadenzi ta’ kera b’ittra registrata jew ittra ufficjali skond il-ligi u ghalhekk ma jistax jinghad li huwa kien ghalhekk moruz fil-hlas ta’ kera.

Illi mill-provi jirrizulta li jekk jigu njorati l-ittri li inbghatu lill missier l-appellant Victor Mangion fit-3 ta’ Novembru 2003 u fil-25 ta’ Mejju 2005 u dan peress li sfortunatament missier l-intimat kien gja miet fis-sena 1999 *(fol 32) l-intimat b’ittra datata 6 t’April 2006 minnu ricevuta, kien gie interpellat ihallas l-istess arretrati peress li baqa’ inadempjenti minkejja l-weghda verbali tieghu li jhallas.(fol 33). Fil-21 ta’ Novembru 2006, l-intimat Lawrence Mangion kien interpellat permezz ta’ ittra ufficjali fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili sabiex ihallas l-arretrati kollha mill-1 t’Ottubru 2006 sat-30 ta’ Settembru 2007 (fol 39) Din l-ittra kellha tkun notifikata bil-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni stante li diversi tentattivi ghan-notifika anke wara l-hin legali taw rizultat negattiv (fol 40 sa 47 u riprodotti mill-intimat fol 70 sa 77); fil-fatt jidher li hekk sar bl-affissjoni datata 11 ta’ Mejju 2005, publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern datata 6 ta’ Lulju 2007, u fil-Malta Independent kif jidher mill-pubblikazzjoni relattiva a fol. 77 tal-process.*

Illi mela allura kien hemm zewgt interpellazzjonijiet kif indikati mill-Ligi u l-procedura dwar in-notifika tal-ittra ufficjali saret skond l-**artikolu 187 (3) tal-Kap. 12** fejn jirrizulta li apparti l-affissjoni, kellhu jkun hemm la darba mhux dirett mod iehor mill-Qorti, pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-Gazzetta lokali, u l-ligi tirrikjedi biss li din tkun gazzetta ta’ kuljum u mhux wahda bl-ingliz kif qed jippretendi l-appellanti. Ma hemm l-ebda dubju li allura saru z-zewgt interpellazzjonijiet rikjesti fl-**artikolu 9 (a) (i) tal-Kap. 69** u l-istess appellanti baqa’ moruz fiz-zmien hemm kontemplat u baqa’ moruz sallum. Mela allura jidher li f’dan il-kaz ir-rekwiziti tal-Ligi gew sodisfatti u kien hemm lok li tigi terminata l-kirja skond il-ligi. Dak li qed jinghad fl-appell ma huwiex minnu fattwalment, ghaliex iz-zewg interpellazzjonijiet saru lill-appellanti, u huwa naqas li jhallas l-istess kera fit-terminu hemm indikat, u dan huwa bizzejjed sabiex jigi attwat dak

provdut fl-**artikolu 9 (a) (i) tal-Kap. 69.** Fuq dan id-decizjoni hija legalment korretta u l-aggravji tal-appellanti la huma fattwalment u lanqas legalment korretti u qed jigu michuda.

Illi minbarra dan jidher car li anke qabel tali dati l-appellant kien jaf li kien hemm arretrati ta' hlas ta' kera li kellhu jhallas u dan permezz ta' ittri li gew mibghuta fuq isem missieru li kien il-kerrej li kien gja miet meta gew spediti l-istess ittri, izda wara assuma li jhallas l-istess fil-laqghat li kellhu ma' Dr. Peter Borg Costanzi l-avukat tal-appellati, haga li ma ghamilx u ghalhekk gew spediti l-imsemmija ittri interpellatorji kontra tieghu, li huwa jammetti li rcieva tant li jghid fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2010 (fol. 79) li *"Nikkonferma wkoll li rcevejt ittri sussegwenti minghand l-avukat kif ukoll mill-qorti, ukoll weghdt li sa nhallas izda ma hallastx. Illum il-gurnata la hallast din il-kera u lanqas iddepozitajtha".* Dan il-bran juri fi kliem l-istess appellanti li huwa kien jaf u allura rcieva anke l-ittra ufficjali, ghaliex mill-atti jirrizulta li ittra ufficjali wahda kien hemm. B'hekk l-appell qed jigi respint ghaliex infondat fil-fatt u fid-dritt.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appell tal-appellati Carmelo Formosa et datata 3 ta' April 2012 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Lawrence Mangion fir-rikors tal-appell tieghu datat 30 ta' Jannar 2012 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u ghalhekk din il-Qorti qed tikkonferma ghall kull effett u buon fini tal-Ligi d-decizzjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera datata 9 ta' Jannar 2012 fl-ismijiet "Carmelo Formosa et vs Lawrence Mangion" (Rikors Numru 38/2008GG) b'dan li t-terminu ndikat fl-istess sentenza sabiex l-appellati jirriprendu l-pussess tal-fond ta' sittin (60) gurnata jibda jghaddi mid-data ta' din is-sentenza.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti Lawrence Mangion.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------